**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 5 ta' April 2022**

**Rikors Nru. 1268/2010 GM**

**Raymond Debrincat ID 75656(M)**

**vs**

**(1) Salvu Debrincat ID 427832(M)**
**(2) Frank sive Frankie Debrincat ID 8555(M)**
**(3) Maria Dolores sive Doreen Galea ID 17658(M)**
**(4) Elizabeth Spiteri ID 766060(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Raymond Debrincat li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Fid-29 ta' Ġunju 2007 mietet omm il-kontendenti Raymond Debrincat, Frankie Debrincat, Doreen Galea, Elizabeth Spiteri u mart Salvu Debrincat u ċioe` Lorenza Debrincat ID 38331(G) hekk kif jidher mill-

estratt tal-Att tal-Mewt, (kopja hawn anness u mmarkata bħala Dok RDB 1).

L-eredita' tal-imsemmija Lorenza Debrincat hija regolata bl-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef u ċioe` dak tal-31 ta' Awwissu 1992 u dan skont ir-riċerki testamentarji (Kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dok. RSB 2, Dok RDB 3 u Dok RDB 4) li bis-saħħa tiegħu apparti l-legat ta' użufrutt ġenerali ta' ġidha illi żewġha Salvu Debrincat, hija nnominat b'eredi universali tagħha lill-erba’ uliedha (ossia l-kontendenti Raymond Debrincat, Frank sive Frankie Debrincat, Maria Dolores sive Doreen Galea u Elizebeth Spiteri) fi kwoti ndaqs bejniethom.

Għalhekk, l-esponenti huma eredi tal-wirt ta' ommhom fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed minnhom.

L-intimat Salvu Debrincat għandu fil-pussess tiegħu assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kellu mal-imsemmija Lorenza Debrincat u allura formanti parti mill-assi ereditarji;

Sal-lum ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim bejn il-kontendenti dwar il-qasma bejniethom tal-assi ereditarji tal-imsemmija ommhom Lorenza Debrincat u fil-fatt il-konvenuti baqgħu inadempjenti għat-talba ta' qasma tar-rikorrent hekk kif kontenuta fl-ittra uffiċjali tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2010 bin-numru 4055/10 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok RDB 05).

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-intimat Salvu Debrincat u d-defunata Lorenza Debrincat u Tillikwida sehem l-assi tal-komunjoni, hekk xolta, tad-defunata Lorenza Debrincat li huma fil-pussess tal-intimat Salvu Debrincat;

2. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Lorenza Debrincat.

3. Tassenja l-assi hekk likwidati tal-imsemmija Lorenza Debrincat f’erba’ ishma ta' kwart (1/4) parti kull wieħed mill-kontendenti wlied tal-imsemmija Lorenza Debrincat.

4. Tinnomina u taħtar, jekk ikun il-każ, perit għal-likwidazzjoni, qsim, stimi jew liċitazzjoni meħtieġa; u

5. Tinnomina u taħtar, jekk ikun il-każ, Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' diviżjoni u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwuali kontumaċi fuq l-istess att.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament l-eċċipjenti m'għandhom ebda oġġezzjoni għad-dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-konvenut Salvu Debrincat u l-mejta mibkija martu Lorenza Debrincat, ġenituri tal-kontendenti l-oħra fil-kawża, u li din l-Onorabbli Qorti tillikwida l-assi netti tal-istess komunjoni wara li jitnaqqsu kwalsiasi spiża, dejn jew passiv gravanti l-istess komunjoni;

2. Subordinatament u bla preġudizzju għas-sueċċepit, l-eċċipjenti m'għandhom ebda oġġezzjoni wkoll li jkunu likwidati l-assi netti ereditarji parafemali tal-istess mejta Lorenza Debrincat wara li jitnaqqsu wkoll kwalsiasi spiża, dejn jew passiv gravanti l-istess assi ereditarji;

3. Subordinatament u bla preġudizzju fil-fatt, l-eċċipjenti lkoll dejjem ikkoperaw mal-attur sabiex jersqu għall-imsemmija likwidazzjonijiet bonarji tant li elenkaw l-ispejjeż li huma jafu bihom li jaggravaw l-istess assi bil-ħsieb li ssir il-likwidazzjoni wara li jitnaqqsu l-ispejjeż dovuti. Madankollu, mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, l-attur waħdu ma weriex buona volonta` li jsiru tali likwidazzjonijiet bonarji u minflok tabilfors ried li jibda dawn il-proċeduri ġudizzjarji bi spejjez li setgħu jkunu evitati mqar b'rieda tajba minima;

4. Subordinatament u bla preġudizzju, pero` ma jista' jkun hemm ebda assenjazzjoni ta' ishma spettanti lil ulied il-mejta Lorenza Debrincat, anki jekk huma ko-werrieta, kif jippretendi l-attur fit-tielet talba, mingħajr qasma jew diviżjoni, u aktar u aktar meta l-konvenut Salvu Debrincat igawdi l-użufrutt ġenerali tal-assi kollha formanti parti mill-wirt tad-decujus. Anki kif sew jikkonċedi l-attur innifsu fit-tieni premessa tar-rikors ġuramentat promotur tiegħu, l-eċċipjenti jgawdi mil-legat tal-użufrutt ġenerali tal-ġid tal-mibkija martu defunta mingħajr ebda eċċezzjoni, kif hemm dispost fit-Tieni Artikolu tat-testment *unica carta* tal-istess kontestaturi konjuġi Salvu u, dik li llum mejta, martu Lorenza Debrincat, tal-31 t'Awwissu 1992 li sar bil-ministeru tan-Nutar Dottor

Francis Micallef. Fl-istess testment, il-kontestaturi jinnominaw b'werrieta universali u proprjetarji assoluti f'ishma indaqs bejniethom lill-erba' wliedhom, ċjoe` l-eċċipjenti l-oħra u lill-attur. Illi minn dak il-legat isegwi, li l-imsemmija werrieta huma biss nudi proprjetarji u fil-fatt l-eċċipjenti Frank Debrincat, Maria Dolores sive Doreen Galea u Elizabeth Spiteri korrettement ġja jaċċettaw li missierhom l-eċċipjent l-ieħor Salvu Debrincat igawdi l-assi kollha fuq imsemmija mingħajr ebda qasma u assenjazzjoni tar-rispettivi ishma peress tali qasma u assenjazzjoni jfixklu u jilledu t-tgawdija bla eċċezzjoni ta' dak l-użufrutt ġenerali ta' missierhom Salvu Debrincat. Tali assenjazzjoni, pretiża mill-attur, hi infondata fil-fatt u fid-dritt sakemm ma jkunx terminat l-użufrutt ġenerali tal-assi tal-wirt tal-mejta Lorenza Debrincat li għalih hu intitolat il-konvenut Salvu Debrincat;

5. Subordinatament u bla preġudizzju, fuq beni immobbiljari partikolari formanti parti mill-assi ereditarji parafernali tad-decujus Lorenza Debrincat, għad hemm ukoll sal-lum it-tgawdija tad-drittijiet ta' użufrutt a favur ta' ċertu Salvu Mercieca, iz-ziju tal-istess decujus, u kwindi għar-raġunijiet suesposti, kwalsiasi pretensjoni ta' qasma u assenjazzjoni mitluba mill-attur hi infondata fil-fatt u fid-dritt kemm-il darba dawn jilledu d-drittijiet tal-istess użufruttwarju Salvu Mercieca.

6. Subordinatament u bla preġudizzju għall-istess raġunijiet, kwindi huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur, peress li ma tista' ssir ebda qasma, liċitazzjoni jew pubblikazzjoni ta' xi att formali ta' diviżjoni kif pretiż, li tkun ta' preġudizzju tal-konvenut Salvu Debrincat bħala użufruttwarju ġenerali tal-assi tal-wirt tal-mejta Lorenza Debrincat, bla eċċezzjoni u tal-użufruttwarju l-ieħor Salvu Mercieca fuq ċerti beni;

7. Għalhekk l-attur għandu jbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri peress li l-konvenuti ġja bonarjament iddikjaraw li huma kienu lesti jersqu għal-likwidazzjonijiet dovuti skont il-liġi mingħajr il-ħtieġa ta' dawn il-proċeduri, filwaqt li t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet huma infondati peress li l-użufruttwarju konvenut Salvu Debrincat igawdi l-użufrutt ġenerali tat-totaliti tal-assi ereditarji tad-decujus u tal-użufruttwarju l-ieħor Salvu Mercieca fir-rigward ta' ċerti beni oħra;

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċeduri, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu 2010 u tal-ittri legali tal-11 ta' Novembru 2009, 2 ta' Diċembru

2009, 11 ta' Diċembru 2009, 16 t'April 2010, 10 ta' Melju 2010, 18 ta' Mejju 2010, 19 ta' Ġunju 2010, 19 ta' Lulju 2010, 15 ta' Settembru 2010, 30 t'Ottubru 2010 u 23 ta' Novembru 2010 kontra l-attur.

Rat li l-konvenut Salvu Debrincat miet fil-mori ta' din il-kawża.

Rat il-verbal tad-difensuri tal-kontendenti tas-17 tat-22 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu talbu sentenza a bażi ta' skrittura ta' transazzjoni li kellha tiġi ppreżentata fi żmien ġimgħa.

Rat li permezz ta' skrittura privata redatta fil-25 ta' Jannar 2022 (minn issa 'l quddiem imsejħa "It-Tranżazzjoni") il-partijiet ittransiġew il-mertu tal-kawża billi għamlu dan il-ftehim:

Illum 25 ta' Jannar 2022

Qed jidhru fuq il-preżenti skrittura privata, min-naħa 'l waħda **Raymond Debrincat**, iben il-mejtin Saviour Debrincat u Lorenza Debrincat nee Curmi, imwieled il-marsa nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u ħamsin, residenti Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 75656M.

U min-naħa l-oħra

**Frankie Debrincat,** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 8555M, iben il-mejtin Saviour De Brincat u Lorenza nee Curmi, imwieled il-Marsa fit-tmintax (18th) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin, (1954) residenti numru għoxrin (20), Presley Flat one (1), Triq Romeo Romana, Santa Venera.

**Elizabeth Spiteri**, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 766060M, bint il-mejtin Saviour Debrincat u Lorenza nee Curmi, imwielda il-Marsa fit-tnejn u għoxrin (22nd) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u sittin (1960), residenti Block A, Flat one (1), Triq Wied in-Noqor, Hal Farrug, Hal Luqa.

**Maria Dolores Galea**, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru, 17658M, bint il-mejtin Saviour Debrincat u Lorenza nee Curmi, imwielda il-Marsa fit-

tlieta u għoxrin (23) ta’ Diċembru tas-sena elf disa’ mija sebgħa u ħamsin (1957) u residenti numru disgħa u għoxrin (29), Redeemer, Triq il-Murselli, Imqabba.

Illi preliminarjament il-partijiet jirreferu għall-kawża rikors ġuramentat numru 1268/2010 fl-ismijiet **Raymond Debrincat vs Salvu Debrincat** et li tinsab pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Imħallef Dr Grazio Mercieca.

Illi il-kawża hawn fuq imsemmija titratta solament il-wirt imħolli minn omm il-partijiet Lorenza Debrincat li mietet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Ġunju elfejn  u sebgħa (2007). Iżda, ai finijiet ta’ kompletezza, l-partijiet qiegħdin jinkludu f’dan il-ftehim, il-wirt imħolli minn Saviour Debrincat li miet nhar is-sittax (16) ta’ Marzu elfejn u tmintax (2018).

Illi mill-beni ta’ Lorenza Debrincat, l-ulied hawn komparenti għandhom ishma ugwali, iżda mill-beni ta’ Saviour Debrincat, il-komparenti Raymond Debrincat għandu biss dritt għall-porzjon riżervat lilu skond il-liġi.

Illi filwaqt li t-testment tal-mejta Lorenza Debrincat jinsab esebit fil-proċess tal-kawża imsemmija, flimkien ma’ din l-iskrittura qiegħed ikun esebit kopja tat-testment ta’ Saviour Debrincat li qiegħed ikun immarkat bħala **Dok A**.

Illi l-partijiet jiddikjaraw li huma jixtieqalthough li jirregolaw l-pożizzjoni tagħhom u għalhekk qiegħdin jiftiehmu s-segwenti: -

Illi sal-ġurnata tal-mewt ta’ omm il-partijiet Lorenza Debrincat li mietet nhar id-29 ta’ Ġunju 2007, kien hemm is-segwenti konijiet bankarji f’isem il-mejta:

1a) Kont bankarju mal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. numru 023-011380-102 u li kien fih l-ammont ta’ €32,776.59

2a) Kont bankarju mal-Bank Bank of Valletta p.l.c numru 14104505015 fl-ammont ta’ €13.976.24

3a) La Vallette Funds mal-Bank of Valletta p.l.c. ref 15599 holdings 1,899.974 fl-ammont ta' €3,470.79

4a) Wignacourt Funds mal-Bank of Valletta p.l.c. ref 15599 holdings 1,000 fl-ammont ta' €2,456.63

**Total ta' €52,680.25**

Il-partijiet jaqblu wkoll li ommhom Lorenza Debrincat kienet wirtet lil Margaret Curmi is-somma ta' €2,874.29. Ai finijiet ta' kjarezza, l-partijiet qiegħdin jiddikaraw li jeżistu tlett konijiet bankarji fejn jinsabu l-flejjes imħollija minn Margaret Curmi. Sehem Lorenza Debrincat huwa ta' porzjon minn erba'. Il-konijiet li qiegħda ssir referenza għalihom huma s-segwenti:

- ❖ Kont bankarju mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 1240792931 fl-ammont ta' Lm2,634.78.
- ❖ Kont bankarju mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 12407929044 fl-ammont ta' Lm1,322.28
- ❖ Kont bankarju mal-Bank of Valletta p.l.c. numru 40011264345 bin-numru IBAN MT80VALL22013000000040011264345 fl-ammont ta' Lm977.35

Total ta' €11,497.17 iżda sehem Lorenza Debrincat huwa fl-ammont ta' €2,874.29.

Illi Lorenza Debrincat wirtet flus ukoll minn Carmela Curmi. Din ta' l-aħħar ħalliet l-ammont ta' €7,570.40 f'kont bankarju mal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. numru 071-108344-100. Sehem Lorenza Debrincat huwa ta' nofs u għalhekk, sehem l-imsemmija Lorenza huwa dak ta' €3,785.20.

Għalhekk, it-total ta' flus li wirtet Lorenza Debrincat huwa dak ta' **€6,659.49**

Illi għalhekk, dan l-ammont ta' €6,659.49 irid jitnaqqas mill-ammont imsemmi preċedentement u ċioe €52,680.25 u dan għaliex l-ammont ta' €6,659.49 jappartjeni kollu kemm hu lil mejta Lorenza Debrincat. B'hekk: -

€52,680.25 - €6,659.49 = €46,020.76, liema ammont irid jinqasam fi tnejn liema żewġ porzjonijiet jirrappreżentaw sehem Lorenza Debrincat u sehem Saviour Debrincat.

Għalhekk, sehem Lorenza Debrincat huwa dak ta' € 23,010.38 liema ammont irid jinqasam f'ishma ugwali bejn l-erba' partijiet.

Sehem Saviour Debrincat huwa dak ta' € 23,010.38 mil-liema ammont il-komparenti Raymond Debrincat għandu l-leġittima u għalhekk sehemu huwa dak ta' €1,917.50.

L-ammont ta' €6,659.49, li kien imnaqqas qabel irid jinqasam ugwalment bejn il-partijiet kollha u ċioe kull parti għandha **€1,664.87**.

B'hekk, sehem il-komparenti Raymond Debrincat huwa dak ta' **€9334.99** filwaqt li l-kumplament għandu jinqasam ugwalment bejn il-komparenti aħwa l-oħra, eskluż Raymond Debrincat.

Illi l-partijiet jagħmlu referenza wkoll għall-kontijiet li jinsabu f'isem Saviour Debrincat. Għalhekk ser issir referenza għal tali kontijiet u ser issir distinzjoni bejn l-ammont li kien fihom dawn il-kontijiet sal-mument li mietet Lorenza Debrincat, liema ammont jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-ammont li kien fihom sa' meta miet Saviour Debrincat.

1. Kont mal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c numru 023-036502-100 liema kont kien fih l-ammont ta' €23,293.73 fid-data tal-mewt ta' Lorenza Debrincat, Dan l-ammont kien trasferit f'kont numru 023-036502-050. Għalhekk, sehem Raymond Debrincat huwa n-nofs ta' ¼ minn €23,293.73, filwaqt li għandu dritt għall-porzjon riżervat minn dak l-ammont li akkumula wara l-mewt ta' ommu sad-data tal-mewt ta' missieru kif ukoll minn sehem Saviour Debrincat fiż-żwieġ .

2. Il-kont hawn fuq imsemmi, bin-numru 023-036502-050, kien fih l-ammont ta' €20,931.94 sad-data tal-mewt ta' Lorenza Debrincat u għalhekk, nofs dan l-ammont irid jinqasam bejn l-erba' aħwa.
3. Il-kont mal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c numru 023-0236502-101 kien fl-ammont ta' €23,293.73 fid-data tal-mewt ta' Lorenza Debrincat liema ammont irid jinqasam min-nofs u Raymond Debrincat għandu jkollu d-dritt għal ¼ minn dan is-sehem kif ukoll għall-porzjon riżervat lilu skond il-liġi minn sehem missieru waqt iż-żwieġ u minn dak li akkumula bejn il-mewt ta' ommu sal-mewt ta' missieru.
4. Il-kont mal-Bank of Valletta p.l.c numru 14104100038 li sad-data tal-mewt ta' Lorenza Debrincat kien fl-ammont ta' €3,157.61, liema ammont għandu jinqasam fi tnejn, u nofs għandu jinqasam bejn l-erba' aħwa filwaqt li Raymond Debrincat għandu jkollu d-dritt għall-porzjon riżervat lilu skond il-liġi minn sehem missieru waqt iż-żwieġ u minn dak li akkumula bejn il-mewt ta' ommu sal-mewt ta' missieru.
5. Il-kont mal-Bank of Valletta p.l.c numru 14104100012 li sad-data tal-mewt ta' Lorenza Debrincat kien fl-ammont ta' €11,646.94, liema ammont għandu jinqasam fi tnejn, u nofs għandu jinqasam bejn l-erba' aħwa filwaqt li Raymond Debrincat għandu jkollu d-dritt għall-porzjon riżervat lilu skond il-liġi minn sehem missieru waqt iż-żwieġ u minn dak li akkumula bejn il-mewt ta' ommu sal-mewt ta' missieru.
6. Hemm ukoll kont mal-Bank HSBC Bank Malta p.l.c numru 023-036502-102 li fih l-ammont ta' €34,923.10, liema kont ma kienx jeżisti qabel il-mewt ta' Lorenza Debrincat u għalhekk, il-komparenti Raymond Debrincat għandu d-dritt għall-porzjon riżervat minn dan l-ammont.

Total ta **€82323.95 sal mewt ta' Lorenza.**

B'hekk, sehem il-komparenti Raymond Debrincat huwa dak ta' **€9485.05** filwaqt li l-kumplament għandu jinqasam ugwalment bejn il-komparenti aħwa l-oħra, eskluż Raymond Debrincat.

Illi l-partijiet jaqblu wkoll li Saviour Debrincat għamel diversi spejjeż waqt iż-żwieġ, liema spejjeż kienu relatati mal-wirt li wirtet Lorenza Debrincat, liema spejjeż jinkludu wkoll spejjeż ta' perit u nutar. Dawn l-ispejjeż jammontaw għal €10,573.82. Dawn irridu jinqasmu minn nofs.B'hekk sehem Salvu huwa **€5285.9.**

Illi l-partijiet jaqblu wkoll li Saviour Debrincat kellu:

- ❖ Flus li kienu ta' Saviour Debrincat qabel iż-żwieġ fl-ammont ta' €466.
- ❖ Sehem Saviour Debrincat mill-wirt tal-ġenituri tiegħu fl-ammont ta' €2,912.50.
- ❖ Sehem Saviour Debrincat minn bejgħ ta' dar bl-indirizz 77, Triq Patri Magri Ħamrun fl-ammont ta' €2,912.50
- ❖ Sehem Saviour Debrincat minn bejgħ ta' dar bl-indirizz 75, Triq Patri Magri Ħamrun fl-ammont ta' €4,077.50.

Total tal wirt **€10368.**

Illi għalhekk, l-ammont ta' **€5285.9+€10368.5=€15645.4**

irid jitnaqqas mill-ammont imsemmi preċedentement u ċioe **€82323.95** u dan għaliex l-ammont ta' €15645.4 jappartjeni kollu kemm hu lil Saviour Debrincat. B'hekk: -

**€82323.95** - **€15645.4**= **€66678.55**, liema ammont irid jinqasam fi tnejn liema żewġ porzjonijiet jirrappreżentaw sehem Lorenza Debrincat u sehem Saviour Debrincat.

Għalhekk, sehem Lorenza Debrincat huwa dak ta' **€33339.27** liema ammont irid jinqasam f'ishma ugwali bejn l-erba' partijiet.

Sehem Saviour Debrincat huwa dak ta' €**33339.27** mil-liema ammont il-komparenti Raymond Debrincat għandu l-leġittima u għalhekk sehemu huwa dak ta' **€2778.27**

L-ammont ta' €5286.9+€10368.5=€15655.41, li kien imnaqqas qabel mil-liema ammont il-komparenti Raymond Debrincat għandu l-leġittima u għalhekk sehemu huwa dak ta' **€1304.62.**

B'hekk, sehem il-komparenti Raymond Debrincat huwa dak ta' **€12417.69** filwaqt li l-kumplament għandu jinqasam ugwalment bejn il-komparenti aħwa l-oħra, eskluż Raymond Debrincat.

Illi għal dak li jirrigwarda s-sehem riżervat li għandu l-komparenti Raymond Debrincat mill-beni ta' Saviour Debrincat, għandhom jittieħdu s-segwenti in konsiderazzjoni :

- ❖ Il-vettura Cortina, li għal kull bon fini qed jingħata valura lilha ta' €200.
- ❖ Nofs mid-dar matrimonjali tal-mejtin Lorenza u Saviour Debrincat li l-partijiet qiegħdin jaqblu li tiswa €110,000.
- ❖ Nofs il-garage li kien jappartjeni lill-mejtin Saviour u Lorenza Debrincat liema garage jiswa' €15,000
- ❖ Spejjez li hallas Saviour Debrincat ghat-tlett komparenti l-ohra imsemmija fl-ammont ta' €13447.35.Dawn huma spejjez li- hareg Saviour Debrincat u cioe sehem uliedu li thallsu ghad denunzja ta Lorenza Debrincat.

- ❖ Rigali li ngħataw lill-aħwa, eskluż Raymond Debrincat, fl-ammont ta' €6,000.
- ❖ Hampers li kien jixtri Saviour Debrincat bħala rigali fl-ammont ta' €1,650.

B'hekk, sehem il-komparenti Raymond Debrincat huwa dak ta' **€12133.00** filwaqt li l-kumplament għandu jinqasam ugwalment bejn il-komparenti aħwa l-oħra, eskluż Raymond Debrincat

| | | |
|---|---|---|
| Sehem Totali ta' Raymond Debrincat : | Minn pagna 3 | **€9334.99+** |
| | Minn pagna 4 | **€9485.05** |
| | Minn pagna 5 | **€12417.69** |
| | Minn pagna 6 | **<u>€12133.00</u>** |
| | **TOTAL TA'** | **€43370.73** |

Xi imghax li gie ggenerat mill-kontijiet ta' Salvu wara mewtu, Raymond ghandu d-dritt tal-legittima fuq l-istess imghax hekk iggenerat u jizdied mat-total ta' fuq imsemmi.

Fl-istess waqt xi imghax li gie ggenerat mill-kontijiet u fondi ta' Lorenza wara il-mewt ta Salvu, Raymond ghandu d-dritt tal-kwart fuq l-istess imghax hekk iggenerat u jizdied mat-total ta' fuq imsemmi.

Il-hlas tat-total kollu jigi mhallas mar-rilaxx tal-fondi mill-banek rispettivi fejn tithalla kwittanza bejn il-partijiet.

Rat id-dikjarazzjoni konġunta tal-partijiet waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha ddikjaraw li l-assi ereditarji tal-konjuġi Debrincat li mhumiex inklużi fl-iskrittura għandhom jibqgħu impreġudikati bejn il-partijiet u l-partijiet qed jillimitaw it-tranżazzjoni tagħhom għall-assi ndikati fl-istess skrittura. Inoltre l-partijiet iddikjaraw li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat li bi provvediment tal-istess data l-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' transazzjoni msemmija.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Għaldaqstant u in vista ta' din it-transazzjoni, tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mejtin Salvu Debrincat u Lorenza Debrincat.

2. Tillikwida l-assi tal-komunjoni.

3. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Salvu Debrincat.

4. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Lorenza Debrincat.

5. Tassenja l-assi hekk likwidati a tenur tat-Tranżazzjoni li għandha titqies bħala parti integrali minn din is-sentenza.

6. L-assi ereditarji tal-konjuġi Debrincat li mhumiex inklużi fl-iskrittura għandhom jibqgħu impreġudikati bejn il-partijiet.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA